

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

ta' 9 ta' Marzu 2018

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banque de France

(BĊE/2018/9)

(2018/C 107/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Bis-saħħa tal-Artikolu L.142-2 tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju, il-Kunsill Ġenerali tal-Banque de France jaħtar żewġ awdituri statutorji biex jawditjaw il-kontijiet tal-Banque de France.
- (3) Il-mandat tal-awdituri esterni tal-Banque de France intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2017. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2018.
- (4) Il-Banque de France għażel lil Mazars u KPMG SA bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2018 sa 2023,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

1. Huwa rakkomandat li Mazars u KPMG SA jinħatru flimkien bħala l-awdituri esterni tal-Banque de France għas-snin finanzjarji 2018 sa 2023.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-9 ta' Marzu 2018.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI
